MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 2265/2002

**Customs and Freight Agency Limited**

**vs**

**Roderick Galea**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta Settembru 2002 fejn l-atturi qed jitolbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta tnejn u sebghin lira (Lm72) rapprezentanti valur ta servizzi prestati fuq istruzzjonijiet u a beneficcju tal-konvenut.
Bl-ispejjes bl-imghax dekorribbli b'effett mid-data tal-prezentata ta dana l-att kontra l-konvenut li minn issa jibqa ngunt ghas-subizzjoni;

Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-12 ta' Dicembru 2002 fejn ikkontesta t-talba attrici stante li jallega li l-ammont mitlub ma hux dovut u li hu ezagerat b'riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra x-xhieda prodotti u ezamina d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra:

Illi l-meritu ta dan il-kaz si tratta ta spejjes u drittijiet involuti u inkorsi ghall-esportazzjoni ta tliet bicciet ghamara fuq inkariku tal-konvenut prospett ta liema jidher a fol 20 tal-process. Il-process kollu involut jinsab ben spjegat fix-xhieda moghtija minn Kevin Attard qua direttur tas-socjeta attrici. Dan ix-xhud ighid ukoll illi l-konvenut kine mil-bidu nett ikkontesta l-kont hekk kif gie prezentat lilu peress li beda jallega li d-dokumentazzjoni preparata minna ma kinietx adattata sabiex l-effetti jidhlu l-Italja. Difatti il-konvenut stess fix-xhieda tieghu jikkonferma li huwa beda jirrifjuta li jhallas il-kont in kwistjoni ta Lm72 peress li Kevin Attard kien informah li kien hemm problema biex l-effetti mobbli in kwistjoni jidhlu gewwa l-Italja. Ghalhekk jargumenta li in vista tal-fatt li s-socjeta attrici ma kinietx espletat l-inkariku lilha moghti ma kienx obbligay li jhallasha. Difatti l-ghamara baqghet ma ntbghatitx l-Italja, n-negozju tal-bejgh taghha sfaxxa fix-xejn u l-konvenut kien gie kostrett jirrifondi d-depositu mhallas. Ir-rapprezentant tal-Viru Ferries ikkonferma li fil-perjodu in kwisjtoni ebda wiehed mill-kontendenti ma kien ghamel xi bookings maghha.

Illi fil-kaz in ezami ma hemmx dubbju li s-socjeta attrici kienet giet inkarikat biex tespleta certu xoghol mill-konvenut u fil-fatt in kontemplazzjoni ta tali inkariku hija nkorriet certu spejjes. Ma jidhirx li huwa kontestat anqas pero li dan l-inkariku baqa ma giex espletat in vista tal-fatt li l-ghamara baqghet hawn Malta.

Illi in vista tal-premess ghalhekk it-Tribunal jikkunsidra fuq bazi ta ekwita li ghalkemm is-socjeta attrici ghandha tigi meqjusa gustifikata li tigbor l-ispejjes inkorsi minnha, fl-istess hin ma ghandhiex tigi intitolata tiehu lura l-ammont kollu minnha pretiz stante li fl-ewwel lok baqghet ma espletatx l-inkariku lilha moghti u fit-tieni lok setghet facilment anticipat il-problema li nqalghet dwar it-trasport

ta din l-ghamara tenut kont taz-zmien kemm ilha f'dan in-negozju.

Ghal dawn il-mottivi, it-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz billi qed jilqa t-talbiet attrici limitatament ghal nofs l-ammont minnha pretiz u konsegwentement ghalhekk qieghed jikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta sitta u tletin lira (Lm36) bl-imghax legali dekorribbli millum b'dan illi l-ispejjes ta din l-istanza ghandhom jibqa bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------